**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U TLETIN**

**11 ta' FRAR, 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**SKUŻATA**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri infurmata li kienet ser tkun skużata minħabba inpenn ieħor.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**34.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

34.1.1 Fir-rigward ta' punt 33.1.2 kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jitlob stima lill-Perit Lewis tal-proposta li għamel biex titneħħa l-problema tal-għargħar fi Vjal l-Indipendenza, issa ġie aġġudikat tender ġdid.

34.1.7 Il-Minuti tas-seduta numru 33 ġew approvati.

34.1.8 Ġew approvati l-minuti tal-Laqgħa annwali li saret nhar it-22 ta' Jannar, 2013.

### *34.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

34.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li minn informazzjoni li għandu l-parti tat-triq li għadha ma saritx fi Triq Salvatore Magri ser issir fi ftit ġranet oħra minn Transport Malta.

34.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv għandhom jibqgħu jinsistu mal-kuntrattur li ħa t-tender tal-ġnien fi Triq in-Nigret, biex ilesti x-xogħol li beda, kemm jista jkun malajr, issa li ser titlesta t-triq tal-madwar bit-tarmak.

34.2.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia talab biex isir ordni għal xogħol ta' *traffic managment* fl-akwata ta' Triq San Martin ma' Triq Sant Agatha. Kien hemm qbil fuq dan.

34.2.4 Kien hemm qbil li ssir kurduna orizzontali madwar il-ħamrija ta' fejn il-*parking area* fi Triq San Martin/Sant Agatha, dan biex il-ħamrija ma toħroġx fit-triq.

Il-membru Joseph D'Amato qal li xi persuna ħawlet pjanta fil-post imsemmi li hemm kif jikbru s-siġar taż-żebbuġ ser tkun ta' ostaklu. Kien hemm qbil li titneħħa.

34.2.5 Kien hemm qbil li tiġi ordnata l-marka fit-Triq Marija Farrug '*Keep clear'* minħabba li tneħħiet meta sar wiċċ ta' triq ġdid.

34.2.6 Il-membru Joseph Caruana ġibed l-attenzjoni tal-ilment li sar waqt il-laqgħa annwali biex meta jsir il-patching il-qatrar li jsir madwar il-ħofra ma jkunx maħlul ħafna li jħammeġ it-triq kollha. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur u tal-perit.

34.2.7 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq :
li hemm bżonn li jsir patching fejn iċ-Cimiterju. Kien hemm qbil fuq dan.
Meta tagħmel ix-xita fi Triq it-Torri k/m Misraħ Santa Marija qed joqgħod l-ilma. Il-membru Joseph Caruana qal li mar jara l-post u nnota li l-ilma jiskula fi ftit ħin u għalhekk m'hemmx bżonn li ssir modifikazzjoni tat-triq. Kien hemm qbil fuq dan.

### *34.3 Esebizzjoni*

34.3.1 Il-membru Annetto Bugeja ssuġġerixxa li jorganizza esebizzjoni ta' għodod antiki. Hu qal li lest li jitkellem mal-għaqdiet tal-baned taż-Żurrieq biex jagħtu l-

għajnuna tagħhom f'din l-esebizzjoni billi jagħmlu stand tal-ikel u xorb, u jagħtu xi suġġerimenti għal din l-attivita'. Il-membru Annetto Bugeja ssuġġerixxa biex tali esebizzjoni tittella' f'Misraħ Santa Marija.

Fuq il-prinċipju kien hemm qbil li din l-attivita' ssir din is-sena f'data li ma tkunx viċin xi attivita' oħra f'Bubaqra jew fiż-Żurrieq.

### *34.4 Attivita' fl-Għid il-Kbir*

34.4.1 Kien hemm qbil li fl-Għid il-Kbir il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jerġa jorganizza l-attivita' li kien għamel is-sena l-oħra billi biegħ figolli, bajd tal-Għid u xi ħelu u l-qliegħ kollu mar għal Puttinu Care. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lill-iScouts taż-Żurrieq fejn jintalbu li jiġi ssuġġeriet kull tip ta' għajnuna li jistgħu joffru fosthom parata u għajnuna fl-affarijiet għall-bejgħ.

### *34.5 Xogħol pendenti u affarijiet oħra*

34.5.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-ħaddiema assenjati mal-kunsill, il-ġimgħa li għaddiet għamlu xogħol tajjeb fi Triq Dun Nard Mallia, billi neħħew tabelli tal-ismijiet tat-toroq u waħħluhom f'post aktar prominenti. Kien hemm qbil li tiġi ordnata tabella oħra biex titwaħħal minflok dik eżistenti tal-pjanċa.

34.5.2 Il-membru Joseph Caruana qal li fil-lista tal-ilmenti, kien hemm persuna fi Triq Santa Marija fil-parti d-dejqa li talbet li jsiru 2 bollards mal-kantuniera tar-residenza tagħha għaliex għalkemm mill-parti tat-triq imsemmija ma' jistgħux jagħddu vetturi kbar u min-naħa minnhom tinsab 'one way', l-vetturi ma jikkalkulawx it-tabelli u kontinwament jgħaddu kontra id-direzzjoni.

Kien hemm qbil li l-persuni li joqgħodu fl-akwata jgħinu lill-Kumitat Amministrattiv billi jieħdu n-numri ta' reġistrazzjonijiet tal-vetturi li jagħddu *wrong way*, b'hekk il-Kumitat ikun jista jagħmel ir-rapporti meħtieġa. Il-bollards ma jistgħux isiru għax il-parti tat-triq indikata hi dejqa wisq u bil-bollards tkompli tidjieq.

Kien hemm qbil ukoll li l-Kumitat Amministrattiv jinforma lill-Authorised officer biex fil-ħin li l-warden ikun fiż-Żurrieq jagħti attenzjoni lill-akwata.

34.5.3 Il-membru Joseph Caruana ssuġġerixxa li l-fuljett 'Leħen Bubaqra' jibda jkun innumerat.

Kien hemm qbil fuq dan.

34.5.4 Il-membru Joseph Caruana qal li fi Triq Sant Agatha kienet saret bollard li hemm bżonn li terġa tiġi miżbugħha biex tiġi nnutata aħjar mill-vetturi.

Il-membru Joseph Caruana ssuġġerixxa ukoll li l-arblu li għandu mera mwaħħla miegħu fi Triq Bubaqra ukoll jiġi miżbugħ abjad bl-aħmar biex ikun aktar innutat.

Kien hemm qbil fuq iż-żewġ suġġerimenti.

34.5.5 Il-membru Joseph Caruana ġibed l-attenzjoni fuq dawn il-punti:

- Is-Sealer li qed isir waqt li jsir ix-xogħol ta' patching qed ikun wisq likwidu bil-konsegwenza li qed iħammeġ it-toroq. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur u l-perit.
- Saru trinek tal-ilma fi Triq ta' Ciantar u fi Triq ir-Rattur Salvu Farrugia li diġa niżlu u qed jagħmlu ħsara fit-toroq imsemmija. Kien hemm qbil jsir rapport lill-WSC.
- Hemm bżonn li l-Perit jerġa jiġi kkuntatjat biex jagħmlilna stima tax-xogħol li hemm bżonn li jsir biex ma joqgħodx ilma fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin. Kien hemm qbil fuq dan.
- Hemm bżonn li jitħaffef ix-xogħol li hemm bżonn li jsir fi Triq Zakkarija Ronkali.
- Bżonn ta' patching fi Triq Fortunato Dalli.
- Bżonn li tintbagħat reminder lill-Perit tat-TM fuq il-ħsara li fiha Triq Kalang Bugeja.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

34.5.6 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li t-tender tal-ġnien ta' Triq Fra Gan Marie Zammit ser tkun aġġudikata wara l-għeluq tat- 22 ta' Frar, 2013.

34.5.7 Il-membru Joseph D'Amato staqsa f'hiex waslet it-talba ta' bozza ġdida fi Triq it-Tin. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat reminder fuq il-każ.

34.5.8 Il-membru Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li terġa tintbagħat email biex iċ-ċint li kien suppost isir fi Triq Marija Farrug waqt li saret it-triq bit-tarmak mit-TM, isir kemm jista jkun malajr.

Kien hemm qbil fuq dan.

34.5.9 Il-membru Joseph D'Amato qal li f'side road fi Triq Hal Far hemm bżonn li ssir bozza ġdida jew waħda eżistenti titressaq ftit metri 'l bod.
Kien hemm qbil li jiġi kkuntatjat sid ir-residenza biex jiffirma li jaċċetta li titwaħħal il-lampa mar-residenza tiegħu.

### *34.6 Appuntament għas-seduta li jmiss*

34.6.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu, 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

34.6.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.40 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' MARZU, 2013.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**